# *Animazzjoni – L-Għoxrin Ħadd ta' Matul is-Sena (Sena Ċ)*

**<u>Dħul:</u>**

Illum il-Knisja tiċċelebra l-Għoxrin Ħadd ta' matul is-sena. Illum Ġesù jurina b'mod ċar li min jimxi warajh irid imur kontra l-kurrent tad-dinja, għalhekk ejjew waqt din il-quddiesa nitolbuh il-qawwa biex nagħmlu dan, filwaqt li nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**<u>Qari:</u>**

Fl-ewwel qari naraw lil Profeta Ġeremija li għax jaqdi dmiru sewwa ikollu jbati, l-ittra lil-Lhud imbgħad tħeġġiġna biex inkunu Insara li nixhdu b'mod konkret f'dak li nemmnu, fl-evanġelju illum naraw lil Ġesù jurina  l-għatx li għandu li n-nar li ġie biex iqabbad għadu ma qabbadx. Nisimgħu b'attenzjoni l-Kelma t'Alla.

**<u>Salm Responsorjali:</u>** Mulej, fittex għinni.

**<u>Offertorju:</u>**

Waqt dan il-mument tal-offertorju noffru l-isfidi kollha ta' ħajjitna li qed ngħixu frott ix-xhieda tagħna, bħala talba ħerqana biex Ġesù ikun magħna, inkantaw flimkien.

**<u>Tqarbin:</u>**

Issa se nirċievu lil Ġesù ġo fina, imdawla mil-kelma tiegħu ejjew nitolbu lil Ġesù f'qalbna biex itgħina l-kuraġġ biex nilqgħu l-kelma tiegħu biex din tagħtina l-ħajja. Nersqu għat-tqarbin, filwaqt li nkantaw flimkien.